# Monument lil Dun Karm Busuttil




Din hi rħama bħala tifkira ta' Dun Karm Busuttil li twaħħlet fi Triq il-Patrijiet, quddiem il-knisja ta' Santa Marija ta' Ġesù, Rabat. Din saret bl-inizjattiva ta' l-Arċikonfraternità ta' San Ġużepp, li Dun Karm kien jokkupa diversi karigi f'din il-fratellanza wisq antika. Ġiet inawgurata fl-14 ta' Marzu 2006 u tħallset mill-Kunsill Lokali tar-Rabat.

L-istess Arċikonfraternità ta' San Ġużepp, għadha kemm ippubblikat ktieb dwar Dun Karm Busuttil, kitba ta' l-istoriku Rabti u membru fil-Fratellanza ta' San Ġużepp, is-Sur Ġużeppi Muscat.

## Infakkru għeluq il-500 Sena minn meta bdiet tiġi ċċelebrata f'Malta b'mod solenni l-Festa ta' San Ġużepp fid-19 ta' Marzu 1508-2008

L-Arċikonfraternità ta' San Ġużepp bejn is-sena 2008-2009 se tfakkar dan l-anniversarju importanti fl-istorja tal-kult lejn San Ġużepp f'pajjiżna b'diversi attivitajiet. Dettalji dwar dan jitħabbru aktar 'il quddiem.



***Ritratt antik 1950 cc. juri waqt paneġierku minn Patri Kapuċċin, waqt is-solennità ta' San Ġużepp, li tkun iċċelebrata mill-Kapitlu Metropolitan ta' Malta, fid-19 ta' Marzu ta' kull sena. Din il-festa ilha tkun iċċelebrata sa mill-1508 mill-Kapitlu msemmi. Iċ-Ċelebrant prinċipali f'dan ir-ritratt kien il-W.R. Giuseppe Apap Bologna Navarro Cassie S.T.D., Ph.D., D.J.C.D., Arċidijaknu tal-Katidral. Hu kien membru fl-Arċikonfraternità ta' San Ġużepp billi pprofessa fis-6 ta' April 1949.***